MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 972/2005/1

**Avv. Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tal-consortium IT Limited Ericsson Microwave System AB**

**v.**

**Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine li tghid hekk:

"Peress illi perrmezz ta' l-avviz 157/2005 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Mejju 2005, id-Dipartiment tal-

Kuntratti ghamel sejha ghal tenders taht il-progett msejjah Malta Vessel Traffic Management Information System (VTMIS) fuq talba tal-Awtorita` Marittima ta’ Malta;

"Peress illi, l-consortium li llum huma rappresentat mill-attur nomine issottometta offerta biex jippartecipa f’din it-tender;

"Peress illi, b’ittra tad-19 ta’ Lulju 2005, il-consortium gie infurmat illi t-tender tieghu kienet giet diskwalifikata, ghaliex skond id-Dipartiment tal-Kuntratti l-*financial proposals* ma kienux gew sottomessi f’envelope separat sigillat;

"Peress illi, dan ir-rekwizit ta’ kif wiehed jissottometti tali dokumenti johrog mir-regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, senjatament l-Att Legali 177/05 gja 299/03;

"Peress illi t-tender *documents* kienu sottomessi f’envelope (kaxxa tal-kartun) sigillat kif jirrikjedu ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici imsemmija u kienu wkoll mehmuzin bhala pakkett wiehed u enumarati kjarament b’numri separati fit-termini ta’ l-imsemmija Regolamenti;

"Peress illi, b’ittra datata 21 ta’ Lulju, 2005 il-consortium kif rappresentat mill-attur nomine oggezjona ghall-iskwalifikazzjoni tieghu mit-tender in kwistjoni u talab ghar-revizjoni ta’ tali decizjoni;

"Peress illi fil-25 ta’ Lulju 2005 id-Dipartiment tal-Kuntratti formalment irrikonoxxa li rcieva tali oggezzjoni a tenur tar-Regolamenti 102, Parti XII ta' l-Avviz Legali 299 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici 2003;

"Peress illi s-seduta tal-Bord tal-Appell Kuntratti Pubblici instema' fis-17 ta’ Awissu 2005, fejn tressqu s-sottormissjonijijiet dwar l-iskwalifika senjatament dwar l-interpretazzjoni tar-Regolamenti;

"Peress illi, b’decizjoni tal-31 ta’ Awissu, 2005, il-Bord ta’ l-Appell cahad it-talbiet tas-socjeta` attrici, u dan kif qalet l-

istess Bord ta' Appell mhux fuq in-normi pubblikati izda abbazi ta' l-ispirtu u l-logika madwar is-sistema Maltija;

"Peress illi l-attur nomine hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ezercita id-dritt tieghu naxxenti mit-tieni proviso tar-regolament 82(10) ta' l-Avviz Legali 177 ta' l-2005 u 84(19) ta' l-istess li tirreferi l-kwistjoni lil din l-Onorabbli Qorti;

"Peress illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell kienet infondata fil-ligi u bbazzata kompletament fuq prassi generali u fuq dak li l-Bord innifsu ddeskriva bhala *"[improperly] understanding the spirit behind a system'*;

"Peress illi r-regolament numru 82 ta' l-Avviz Legali 177 ta' l-2005 jistipula illi l-offerti ghandhom biss jikkwalifikaw sabiex jigu kkunsidrati jekk isiru f' pakketti separati. Fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell irrizulta ben car li dan sar mill-consortium. Infatti, kif konfermat minn rapprezentanti tal-Awtorita' Marittima ta' Malta, it-tender kienet tikkonsisti f'tliet pakketti separati fit-termini tal-istess regolament numru 82, senjatament, *tender bond, technical bid u financial bid,* liema pakketti kienu enumerati bin-numri 1, 2 u 3 rispettivament. Dawn il-pakketti gew ppresentati f' kaxxa tal-kartun issigillata. Di piu`, imkien f' dan ir-regolament ma hemm specifikat illi dawn il-pakketti jridu jkunu ssigilatti. L-istess jista jinghad ghad-dokumenti tat-tender mertu ta' din il-kawza. L-Artikolu 10.4 (p.11 minn 87) jistipola illi "*all tenders including annexes and all supporting documents, must be submitted in a sealed envelope…"* Minn imkien ma jirrizulta illi jridu jigu pprezentati envelopes <u>ssigillati</u> separatament;

"Peress illi, bl-eskluzjoni tal-consortium minn dan il-progett ta' tender rizultat tad-decizjonijiet tal-Dipartiment tal-Kuntratti, dan qed issofri danni finanzjarji kbar u r-riskju ta' dan sejjer jizdied jekk dan it-tender jigi offrut lil xi kumpanija ohra minghajr kunsiderazzjoni ta' l-offerta taghha;

"Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet imsemmija din il-Qorti m' ghandiex: -

"1. Tiddikjara li l-offerta sottomessa mill-atturi kienet konformi mar-regolamenti li jirregolaw s-sejha imsemmija;

"2. tirrevoka s-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli tal-31 ta' Awissu 2005;

"3. per konsegwenza tordna lill-konvenuti sabiex jirtiraw l-iskwalifika tat-tender ta' l-attur nomine li saret b' ittra tad-19 ta' Lulju 2005, u tkompli tipprocessa l-offerta taghha taht l-istess tender skond il-ligi;

"4. B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur nomine, senjatament dik ghad-danni;

"Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dipartiment tal-Kuntratti li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi l-offerta mressqa mill-atturi ma kienetx konformi mar-regolamenti li jirregolaw il-kuntratti pubblici, u cioe` l-Artikolu 82 subinciz 2 tal-L.N 177/2005, l-Artikolu 102 tal-Public Contracts Regulations 2003 L.N 299/2003, u l-artikolu 46 tas-Special Conditions, liema kondizzjonijiet jkunu annessi ma' l-offerta u li jifformaw parti mill-kuntratt bejn l-offerent u l-Gvern;
.
"2. Illi d-decizjoni tal-esponenet giet konfermata mill-Bord tal-Appelli dwar kuntratti pubblici fil-31 ta' Awissu, 2005, liema decizjoni, abbazi tas-subinciz (18) ta' l-Artikolu 84 tal-L.N. 177/2005 hija finali u vinkolanti;

"3. Illi ghaldaqstant t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Marzu 2006, li in forza taghha, iddecidiet il-kawza bil-mod segwenti:

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-offerta sottomessa mill-attur nomine kienet konformi mar-regolamenti li jirregolaw s-sejha in kwestjoni; tirrevoka s-sentenza tal-Bord ta' l-Appelli tal-31 ta' Awissu 2005, u konsegwentement tordna li l-konvenuti minnufih jirtiraw l-iskwalifika tat-tender ta' l-attur nomine li saret b'ittra tad-19 ta' Lulju 2005, u tkompli tipprocessa l-offerta in kwestjoni skond il-ligi;

"Spejjez kollha kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"L-attur nomine, fic-citazzjoni, jaghmel referenza ghall-offerta sottomessa mill-cosortium minnu rappresentat lill-konvenuti Dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom tal-Awtorita` Marittima Maltija fl-ambitu tal-progett maghruf bhala Malta Vessel Traffic Management Information System (VTMIS). Sussegwentement l-istess consortium gie infurmat li tali offerta kienet giet skwalifikata peress li skond il-konvenuti Dipartiment tal-Kuntratti l-*financial proposals* ma kienux gew sottomessi f'envelope separat sigillat;

"Jirrizulta li dawn il-proposti gew sottomessi mill-consortium f'kaxxa tal-kartun issigillata u kienu mehmuzin bhala pakkett wiehed u enumarati kjarament b'numri separati. Skond il-consortium dan kollu kien skond ir-regolamenti relattivi u skond is-sejha ghall-offerti u ghalhekk ma kellux ikun hemm l-imsemmija skwalifika;

"L-attur nomine formalment oggezzjona ghall-istess skwalifika u ghalhekk intavola appell. Il-Bord tal-Appelli relattiv cahad it-talbiet tal-attur nomine u dana mhux fuq in-normi pubblikati izda abbazi ta' l-ispirtu u l-logika madwar is-sistema Maltija;

"Ghalhekk l-attur nomine b'mod regolari u skond it-tieni proviso tar-regolament 82(10) ta' l-Avviz Legali 177 ta' l-2005 u 84(19) ta' l-istess, intavola l-presenti proceduri u qed jitlob li jigi dikjarat li l-imsemmija offerta maghmula minnu kienet konformi mar-regolamenti u s-sejha relattiva

u li ghalhekk tigi revokata l-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Appelli u konsegwentement jigi ordnat li tigi irtirata l-imsemmija skwalifika u li l-konvenuti jkomplu jipprocessaw l-istess offerta skond il-ligi;

"Il-konvenuti Dipartiment tal-Kuntratti qed jeccepixxu li l-offerta tal-attur nomine ma kienitx konformi mar-regolamenti li jirregolaw il-kuntratti pubblici, kif konfermat bl-imsemmija decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli tal-31 ta' Awissu, 2005;

"Ghandu jigi konfermat mill-bidu li din il-Qorti hi kompetenti li tittratta u tiddeciedi dwar it-talbiet ta' l-attur nomine u dana a bazi tal-artikolu tal-Avviz Legali 177 tal-2005 kif kwotat mill-attur nomine;

"Il-konvenuti qed isostnu li l-offerta in kwestjoni ma kenitx konformi mal-provedimenti tal-artikolu 82 subinciz 2 tal-L.N 177/2005, ta' l-Artikolu 102 tal-Public Contracts Regulations 2003 L.N 299/2003 u ta' l-Artikolu 46 tas-Special Conditions, liema kondizzjonijiet huma annessi mas-sejha ghall-offerta u li jifformaw parti mill-kuntratt bejn l-offerent u l-Gvern;

"L-imsemmi Artikolu 82 ta' l-Avviz Legali 177 ta' l-2005 jipprovdi li l-offerti ghandhom jigu sottomessi f'pakketti separati, kif jirrizulta li sar mill-attur nomine u cioe` l-offerta saret f'tlett pakketti separati u senjatament, *tender bond, technical bid u financial bid,* liema pakketti kienu enumerati bin-numri 1, 2 u 3 rispettivament. Dawn il-pakketti gew presentati f'kaxxa tal-kartun issigillata. L-artikolu zgur li ma jispecifikax li dawn il-pakketti ghandhom jigu sottomessi ssigilatti. Lanqas is-sejha ghall-offerti ma tistipula li dawn il-pakketti ghandhom jigu sottomessi sigillati separatament;

"Hawnhekk si tratta ta' sejha pubblika ghal offerti u ghalhekk il-proceduri u l-modi kif ghandhom jigu sottomessi l-istess offerti ghandhom ikunu ben delineati u spjegati u ghandhom ikunu skond il-ligi. Is-sejha kienet ukoll miftuha ghall-offerti ta' barra minn Malta u ghalhekk ma jistax jigi presunt li kullhadd jaf il-proceduri li

solitament huma segwiti f'kazijiet bhal dawn jew x'inhi l-konswetudini;

"Kif qal fl-affidavit tieghu ufficjal tal-konsorzju esteru - "The Bid was filed in accordance with the procedure laid down in the invitation to tender issued by the Department of Contracts…. Our bid followed such procedure specifically Article 10 thereof…";

"Fl-opinjoni tal-Qorti *"separate packages"* zgur li ma tfissirx li dawn ghandhom jigu sigillati separatament. Ghalhekk l-attur nomine onora l-obbligi kollha kif imposti fuqu u segwa r-rekwisiti kif rikjesti minnu mill-ligi u mis-sejha ghall-offerti in kwestjoni. Imkien ma hemm stipulat li l-proposti finanzjarji relattivi ghas-sejha ta' l-offerti kellhom jigu sottomessi fi tlett busti sigillati separatament. L-ispirtu wara s-sistema hu rrilevanti f'kazijiet bhal dawn. Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti ukoll il-konvenuti ma kinux gustifikati li jirrifjutaw u jiskwalifikaw l-offerta tal-attur nomine;

"Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti."

Rat ir-rikors ta' l-appell tad-Dipartiment konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u tghaddi biex tichad it-talbiet imressqa mill-attur appellat, u tilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, iddikjara li s-sentenza hija legalment korretta u fattwalment gusta u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna l-interpretazzjoni tar-regolament 102 tar-Regolamenti tal-2003 dwar Kuntratti Pubblici (A.L. 299/2003), li fuq dan il-punt, huwa fis-sustanza simili ghar-regolament 82 tar-Regolamenti tal-2005 dwar Kuntratti Pubblici (fl-Avviz Legali 177/05).

L-attur nomine pprezenta *tender* ghall-progett imsejjah Malta Vessel Traffic Management Information System li kellu jsehh taht l-awspici ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta. Huwa pprezenta t-*tender documents* fi tlett pakketti separati kif jesigu l-imsemmija regolamenti 102 u 82, u dawn it-tlett pakketti gew intestati *tender bond, technical bid* u *financial bid* rispettivament. Dawn il-pakketti gew ipprezentati f'kaxxa tal-kartun issigillata. Din l-offerta giet skwalifikata mid-Dipartiment tal-Kuntratti peress li, skond il-konvenut, il-*financial packages* ma kienux gew sottomessi f'*envolope* separat u sigillat. B'decizjoni tal-31 ta' Awissu 2005, il-Bord ta' l-Appell tal-Kuntratti Pubblici cahad l-appell tas-socjeta` attrici, a bazi ta' l-ispirtu u l-logika madwar is-sistema Maltija.

L-attur nomine, kif inhu intitolat li jaghmel bil-ligi, mar quddiem il-Prim Awla tal-Qorti civili u din, bid-decizjoni taghha fuq riferita, qablet ma' l-argument ta' l-attur u hassret l-iskwalifika li kienet indirizzata fil-konfront ta' l-offerta tieghu.

Il-konvenut ressaq appell bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti interpretat hazin ir-regolamenti applikabbli ghall-prezentazzjoni ta' offerti ghall-kuntratti pubblici. Il-konvenut jargumenta li ladarba l-ligi trid li l-*financial bids* isiru fi tlett pakketti, u li dawn jinfethu separatament u f'sekwenza partikolari, b'mod li jekk offerent ifalli mal-ftuh ta' l-ewwel jew tat-tieni *envelopes,* l-ohrajn jitwarrbu u ma jinfethux, il-logika trid li t-tlett *envelopes* ikunu issigillati separatament, u dan biex il-prezz ma jigix zvelat qabel ma jinfetah il-pakkett (l-ahhar wiehed) li fih ikun hemm il-prezzijiet.

Ir-regolamenti 82(1) u (2) tal-A.L. 177/05 jipprovdi dan li gej ghal dak li hu importanti ghal fini ta' din il-kawza (r-

regolament 102 tal-A.L. 299/03 jipprovdi bejn wiehed u iehor l-istess dicitura):
"Offerti maghmulin f'pakketti separati

82 (1) L-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda I ghandhom jizguraw li ghal kull offerta moghtija skond il-proceduri miftuha jew ristretti b'valur stmat ta' iktar minn Lm250,000 jew, fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, ghal offerti ta' valur stmat iktar baxx jew fuq offerti moghtija skond il-proceduri negozjati jew id-djalogu kompetittiv, il-kondizzjonijiet ta' l-offerta jistipulaw li offerti ghandhom biss jikkwalifikaw sabiex jigu kkunsidrati jekk isiru f'pakketti separati kif gej:

(a) Pakkett Wiehed: garanzija ta' offerti originali u valida (Garanzija ta' Offerti), esegwita kif imiss fl-ghamla, ghall-ammont u ghall-perjodu ta' validita` stipulat fid-dokument ta' l-offerta ufficjali;

(b) Pakkett Tnejn: specifikazzjonijiet teknici inkluzi letteratura, dettalji, disinni, kampjuni u kull materjal iehor kif mitlub fid-dokumenti ta' l-offerta; u

(c) Pakkett Tlieta: skedi kompleti ta' prezzijiet u, jew fatturi ta' kwantitajiet, formola ta' offerti, kondizzjonijeit ta' hlas jew arrangamenti finanzjajri ohra; kull ittra ohra relatata li tista' tipprovdi dettalji relattivi ohra ta' xorta kummercjali.

(2) Fil-process ta' aggudikazzjoni ta' l-offerta, il-pakketti ghall-offerenti kollha ghandhom jinfethu fil-pubbliku u f'sekwenza enumerata fis-subregolament (1). Meta f'xi stadju, offerent jonqos milli jhares il-htigiet procedurali u, jew l-ispecifikazzjonijiet, il-pakketti li jifdal fl-offerta tieghu ghandhom jigu mwarrba minghajr anqas biss jigu miftuha."

Din il-Qorti tara li meta r-regolament hu car li ma jipprovdix ghall-htiega li t-tlett pakketti jigu ssigillati individwalment, offerta ma tistax tigi mwarrba minhabba daqshekk. L-Artikolu 10.4 ta' l-*Instructions to Tenderer* li kienu annessi mal-hrug tas-sejha, jghid li t-tenders

ghandhom jigu sottomessi go "*sealed envelope*" u f'dan il-kaz hekk gara - bid-differenza li minhabba l-volum tad-dokumenti li gew annessi ma' l-offerta, dawn tpoggew go kaxxa ssigillata flok envelope. Intuzaw ukoll, kif jitlob ir-Regolament, "pakketti separati" li, pero`, ma gewx issigillati separatament, peress li l-ligi dan ma tirrikjedihx. B'pakketti separati wiehed jifhem li kull pakkett ikun jista' jinfetah wahdu, indipendentement mill-ftuh tal-pakketti l-ohra. Hekk gara f'dan il-kaz, u kull pakkett, minhabba l-volum tieghu, kien marbut separatament, b'mod li seta' jinfetah wahdu u ghalih qabel ma jinfethu l-pakketti l-ohra.

Id-dipartiment konvenut isostni li t-tlett pakketti ghandhom ikunu huma wkoll issigillati, peress li skond is-subartikolu (2) tar-regolament 82, it-tieni pakkett ma jistax jinfetah qabel ma l-kontenut ta' l-ewwel pakkett ikun gie acettat mill-evaluation committee; l-istess japplika ghat-tielet pakkett. Dan hu minnu, pero`, dan ma jfissirx li hu mehtieg *ad validitatem* li t-tlett pakketti jkunu ssigillati. Jekk l-ewwel pakkett ma jigix accettat, il-pakketti l-ohra, kif tghid il-ligi, "jigu mwarrba minghajr anqas biss jigu miftuha", <u>u dan jista' jsir anke jekk il-pakketti ma jkunux issigillati individwalment</u>.

Jidher li din l-esigenza giet introdotta fis-sistema minn xi ufficjal tac-civil li kien aktar mohhu fil-burokrazija milli fis-sustanza! Hi x'inhi, jekk is-sigill hu mehtieg ghad-dipartiment, dan ir-rekwizit ghandu jirrizulta mir-Regolamenti applikabbli jew mill-*Instructions* relattivi, u mhux tibqa' fil-konfini tal-hitan tad-Dipartiment. Min ikollu l-esperjenza tad-dipartiment, isir jaf b'dan ir-rekwizit, pero`, meta s-sejha tkun miftuha ghall-pubbliku in generali, dan ghandu jirregola ruhu skond il-ligi u l-istruzzjonijiet li jinghata, u mhux b'xi esigenza interna li ma tkunx, ta' l-anqas, pubblicizzata u ngiebet ghall-attenzjoni ta' min hu interessat.

F'materja ta' procedura, ir-regoli jridu, sa certu punt, jigu segwiti *ad unguem*, izda hadd ma jista' jigi penalizzat talli jonqos li jsegwi procedura mhux determinata b'regolament; huma <u>r-regoli</u> li jridu jigi segwiti, mhux xi prattika interna tad-dipartiment. F'gieh is-serjeta` u t-

trasparenza, hadd ma ghandu jigi penalizzat u skwalifikat ghax ma jkunx segwa xi regola li ma tkunx tirrizulta mil-ligi. Id-dipartiment jista, entro l-limiti tal-ligi, jirregola l-procedura interna tieghu b'certu mod, pero`, dawn iridu jkunu pubblicizzati u ma jistghux ikunu ta' pregjudizzju ghall-klijent li jkun segwa l-ligi u l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess dipartiment. Darba li l-pubbliku nghata struzzjonijiet dwar kif jixhet l-offerta tieghu, jekk isegwi dawk l-istruzzjonijiet, l-offerta ghandha titqies valida, u mhux mistenni li, wara li tinxtehet l-offerta, l-istess offerta tigi skwalifikata minhabba xi htiega li ma kenitx tirrizulta minn dawk l-istruzzjonijiet u lanqas minn qari logiku u bis-sens tal-ligi applikabbli.

F'kuntest ta' appell wara decizjoni tal-Bord ta' l-Appell fi hdan l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, din il-Qorti fil-kawza **Testaferrata Moroni Viani et v. Awtorita` ta' l-Ippjanar**, deciza fit-22 ta' April 1996, qalet li jekk l-awtorita` taghti lill-applikant istruzzjonijiet dwar kif ghandu jigi registrat appell, u dawn l-istruzzjonijiet jigu segwiti, dak l-appell m'ghandux jigi dikjarat null minhabba l-fatt li l-applikant naqas li jsegwi pass iehor indikat fl-avviz legali relattiv izda mhux fl-istruzzjonijiet. Ahseb u ara, applikat dan il-principju ghal dan il-kawza, kemm applikazzjoni tista' tigi dikjarata nulla meta gew segwiti l-proceduri indikati fl-istruzzjonijiet u fl-avviz legali relattiv, izda mhux xi haga ohra rikjesta mill-esigenzi interni tad-dipartiment konvenut. Il-principju ta' gustizzja naturali u '*fairness*' jigu mwarrba jekk isehh il-konsegwenza li qed jargumenta ghaliha d-dipartiment konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija tajba u ghandha tigi konfermata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mid-dipartiment konvenut, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------